# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 912

KAZ NRU. 838

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

George Falzon

u

Public Transport Association

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 13 ta' Jannar, 1998

**Chairman : Is-Sur Maurice J.V. Bonello M.B.E.**

**PRELIMINARJI**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal mill-Ministru tal-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta' ittra Nru. ME 2/94/19 datata 15 ta' Marzu, 1994 skond il-provvedimenti ta' l-Artiklu 28(2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm tnejn u ghoxrin (22) seduta.

George Falzon kien assistit mill-avukat Dr. Mark Busuttil, LL.D. u ghal Public Transport Association l-ewwel deher il-Prokuratur Legali Ivan Camilleri u sussegwentement l-avukat Ray Zammit, LL.D.

George Falzon kien gie appuntat Route Manager ghad-distrett tal-Cottonera nkluz Haz-Zabbar u Wied il-Ghajn. Kien ilu f'din il-kariga madwar sentejn meta f'Novembru tal-1993 l-impjieg tieghu kien gie terminat mill-Public Transport Association. Falzon deherlu illi t-tnehhija tieghu mill-kariga ta' Route Manager kienet ingusta u ressaq il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-Public Transport Association sostniet illi Falzon ma kienx impjegat maghhom u li peress illi ma regax gie elett bhala membru tal-Kumitat Centrali, huwa ma setax ikompli fil-kariga ta' Route Manager. Sussegwentement fil-kors tas-smigh l-Association allegat illi Falzon ma kienx iddiporta ruhhu sew fl-ufficini tal-Association.

Dwar l-ewwel punt, cioe' li Falzon ma kienx impjegat tal-Association, it-Tribunal innota illi l-Fax datata 20 ta' Dicembru, 1993 mibghuta lil George Falzon mill-Kumitat tal-Association, jghid hekk :-

> "Ghandi ngharrfek illi b'sehh mill-5 ta' Dicembru 1993 l-impjieg tieghek mal-Public Transport Assocation gie mitmum, Dan diga kien mgharraf lilek verbalment wara decizjoni tal-Kumitat tal-Assocjazzjoni".

Dwar it-tieni punt, cioe' illi peress li Falzon ma telax elett fuq il-Kumitat u allura ma setax jibqa' fil-kariga ta' Route Manager, it-Tribunal ezamina rigorosament l-istatut tal-Association li, t-Tribunal ghandu jifhem, jirregola l-operat tal-Association. It-Tribunal innota illi skond sezzjoni 15 tal-Ftehim elenkat ma' l-istatut, il-Kumitat tal-Association ghandu d-dritt jimpjega nies bhala "Managers", "Inspectors", "ticket sellers" u skrivani. Pero' ma tghidx illi dawn in-nies

iridu jkunu membri tal-Kumitat, kif sostniet l-Association waqt is-smigh tal-kaz, u wisq anqas ma tghid illi l-okkupant ta' wiehed minn dawn il-postijiet ghandu jitlaq jekk ma jigix elett mill-gdid ghall-Kumitat.

It-Tribunal innota illi fil-Ftehim hemm provvediment (Sez. 13) ghal xi emenda jew zjieda, pero' ma ngabghux l-ebda provi illi fil-fatt saret xi emenda sussegwentement li kienet tipprovdi ghal sitwazzjoni kif sostniet l-Association.

Dwar it-tielet punt hemm provvediment ghal proceduri dixxiplinarji fl-Istatut (sezzjonijiet 11 u 12). Pero' ma irrizultax illi qatt ittiehud passi dixxiplinarji kontra Falzon, wisq inqas illi nstab hati ta' xi nuqqas, kif sostniet l-Association fil-kors tas-smigh tal-kaz.

It-Tribunal innota wkoll illi Falzon tnehha mill-kariga ta' Route Manager, b'effett mill-5 ta' Dicembru 1993, jigifieri qabel ma saret elezzjoni ghall-Kumitat aktar tard dak ix-xahar.

In vista ta' dawn il-fatti kollha, t-Tribunal ma jistax ma' jikkonkludix illi t-tnehhija ta' Falzon mill-kariga ta' Route Manager ma' saritx skond il-provvedimenti tal-Istatut ta' l-istess Association, u li lanqas qatt ma ttiehdu passi dixxiplinarji kontra Falzon.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-mottivi, t-Tribunal huwa tal-opinjoni illi Falzon tnehha mill-kariga ngustament u irregolarment. Ghalhekk jordna illi George Falzon ghandu jigi ri-integrat fil-kariga ta' Route Manager u li jithallas dak kollu li kien dovut lilu

bhala Route Manager mid-data ta' meta gie terminat l-impjieg tieghu sa meta jerga' jigi ri-integrat fil-kariga ta' Route Manager li ghandu jkun mhux anqas tard mill-ahhar ta' Jannar, 1998.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali Nru. 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partjiet bl-ammont ta' Lm40 kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

-----------------------
**Maurice J.V. Bonello**
**CHAIRMAN**

---------------
**Joyce Agius**
**A/SEGRETARJA**

mrg